# Mid-Djarju ta' Kylie : L-Ewwel Jum tal-Iskola




Illum qomt fis-sitta ta' filgħodu għax kont eċitata li se terġa' tibda l-iskola. Ilbieraħ qabel irqadt, għamilt il-basket bl-affarijiet fih. Ommi lestietli l-uniformi. Jien ħassejtni fuq ix-xwiek.

Jien tlaqt mid-dar fis-sebgħa għax fit-tmienja kelli nisma' l-quddiesa man-nanna. Jiena immur l-iskola bil-mixi. Xħin kont miexja rajt lil sħabi. Fit-tmienja u kwart wasalt l-iskola. Quddiem il-bieb rajt lil sħabi. Smajt ħafna storbju. Sħabi qaluli, "Kemm nixtieq inkun miegħek fil-klassi!".

Kif daqqet il-qanpiena kulħadd inġabar fil-bitħa. Din is-sena daħlu erba' għalliema ġodda. Il-Kap tal-Iskola qassmitna fil-klassijiet il-ġodda. L-għalliema tiegħi hija s-Sinjura Carmen Azzopardi.

L-iskola baqgħet l-istess. Il-klassi biss kienet differenti minn tas-sena l-oħra. Xi wħud mill-ħbieb tiegħi mhux qegħdin miegħi. Fil-klassi jien qiegħda bilqiegħda ħdejn Katrina. L-għalliema tiegħi hija ċajtiera. L-aktar lezzjoni li laqtitni hija tal-Arti.

Xħin mort id-dar kilt platt għaġin u rqadt ftit għax kont għajjiena. Għażiż djarju, jien ħa jkolli nħallik għax issa sar il-ħin biex immur norqod ħalli għada nqum għall-iskola. Saħħa!

Kylie Sciberras – 8 snin – Ir-Raba' Sena – L-Iskola Primarja tal-Imqabba

